MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Numru. 1352/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Alberta Amato ta’ 25 sena, bint Albert u Dolores nee` Spieteri imwielda il-Pieta` nhar it-22 ta’ Awissu 1985 u li tirresjedi 7, Triq il-Gladjoli, San Gwann u detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 434985(M)**

**u**

**Michelle Bugeja ta’ 30 sena, bint Francis Bugeja u Maria Dolores nee` Abela, imwielda il-Pieta` nhar it-28 ta’ Frar 1980 u li tirresjedi fil-fond 2, Triq Alexander, Birzebbugia, ID176580M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

Nhar l-01 ta’ Novembru ghall-habta ta’ xi 09.30 ta’ filghodu gewwa Triq il-Katakombi, Rabat, Malta ikkommettew serq ta’ deheb minn gewwa ‘Catacombs Jewellery’, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta’ aktar minn €232.94 izda anqas minn €2329.40, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261( c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Michelle Bugeja wahedha talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi:

Ikkommettiet reat waqt il-pe  saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Nhar is-16 ta’ Frar, 2011, ghall-habta ta’ 11.30Hours, fi Triq il-Kunicizzjoni,

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-

imputati u l-fatt illi r-resfurtiva giet irkuprata u ritornata lid-derubat fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c ), 267, 28B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatj tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett (3) snin mil-lum. Inoltre fil-konfront tal-imputata Michelle Bugeja qeghda testendi s-sentenza sospiza mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta ipprezentata tal-11/12/2009 ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ohra li jibdew jikkekorru mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huma jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqhom f'din l-ordni jew jekk huma jonqsu milli jsegwi xi ordni mghotija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

Inoltre l-Qorti qed twissi lil hatja Michelle Bugeja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imposta fuqha minn din il-Qorti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------